



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.3.2024
C(2024) 1759 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 14.3.2024

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 810/2009 fir-rigward tal-ammont tat-tariffi tal-viża

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-Artikolu 16(9) tal-Kodiċi dwar il-Viżi¹ jinkariga lill-Kummissjoni b'valutazzjoni tal-ħtieġa li tirrevedi t-tariffi tal-viża kull tliet snin. Din id-dispożizzjoni saret applikabbli fl-2020, u l-Kummissjoni issa wettqet valutazzjoni b'hal din għall-perjodu ta' tliet snin minn dak iż-żmien.

It-tariffa tal-viża b'ħalissa hija ta' EUR 80 għall-adulti u EUR 40 għat-tfal li għandhom bejn sitt snin u inqas minn 12-il sena. Jekk deċiżjoni ta' implimentazzjoni tiġi adottata mill-Kunsill skont il-punt (b) tal-Artikolu 25a(5) tal-Kodiċi dwar il-Viżi minħabba nuqqas ta' kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni, tista' tkun applikabbli tariffa tal-viża ta' EUR 120 jew EUR 160 għall-applikanti li għandhom 12-il sena jew aktar.

Fornituri esterni tas-servizzi li jiġbru l-applikazzjonijiet għal viża f'isem l-Istati Membri jistgħu ġeneralment jitolbu tariffa għas-servizz sa nofs it-tariffa standard tal-viża, jiġifieri EUR 40.

Meta tivvaluta l-ħtieġa għar-reviżjoni tat-tariffi tal-viża, il-Kodiċi dwar il-Viżi jirrikjedi li l-Kummissjoni tqis kriterji oġġettivi, b'hal-rata ta' inflazzjoni ġenerali għall-Unjoni kollha kif ippubblikata mill-Eurostat u l-medja ponderata tas-salarji tal-impjegati taċ-ċivil tal-Istati Membri. Għalhekk, b'mod parallel ma' dan ir-regolament delegat, il-Kummissjoni qed tippreżenta rapport ta' valutazzjoni, li jistabbilixxi l-metodoloġija dettaljata tal-kalkolu u tikkonkludi li żieda fit-tariffi tal-viża hija ġġustifikata.

Il-Kummissjoni għażlet li tillimita l-kalkolu tat-tariffi riveduti tal-viża għaż-żewġ kriterji elenkati fil-Kodiċi dwar il-Viżi, jiġifieri r-rata ta' inflazzjoni fl-Unjoni kollha u l-iżviluppi fis-salarji tal-impjegati taċ-ċivil tal-Istati Membri. It-tliet snin bejn l-1 ta' Lulju 2020 u l-1 ta' Lulju 2023 intużaw b'hal l-perjodu ta' referenza. L-aġġustamenti ġew ikkalkulati fuq bażi annwali kif ġej.

Rata ta' inflazzjoni ġenerali għall-Unjoni kollha²

$$\text{Rata ta' Inflazzjoni} = \frac{(\text{sena indiċi } N + 1) - (\text{sena indiċi } N)}{\text{sena indiċi } N}$$

	2020-2021	2021-2022	2022-2023
Indiċi Ġunju Sena N	106,31	108,65	119,03
Indiċi Ġunju Sena N+1	108,65	119,03	126,69
Rata tal-inflazzjoni	2,2 %	9,6 %	6,4 %

Medja ponderata tal-iżviluppi fis-salarji tal-impjegati taċ-ċivil tal-Istati Membri

Il-kalkolu huwa bbażat fuq l-istatistika tar-remunerazzjoni tal-Eurostat għal skopijiet amministrattivi, li tintuża fil-kalkolu tal-aġġornament annwali tar-remunerazzjoni tal-uffiċjali tal-UE. Il-medja ponderata tal-kapaċità tal-akkwist tas-salarji tal-impjegati taċ-ċivil tal-Istati Membri ġiet ikkalkulata f'żewġ stadji:

-

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi), ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1.

² Sors: *data* ta' kull xahar dwar l-inflazzjoni ppubblikata mill-Eurostat (indiċi armonizzati tal-prezzijiet għall-konsumatur, HICP, indiċi).

Il-bidla fir-remunerazzjoni netta reali tal-impjegati taċ-ċivil f'kull Stat Membru bejn is-sena N u N + 1 (= l-evoluzzjoni tal-kapaċità tal-akkwist) tiġi mmultiplikata b'fattur ta' ponderazzjoni. Il-PDG espress bħala s-sehem tat-total tal-PDG tal-UE u mkejjel f'paritajiet tal-kapaċità tal-akkwist jintuża bħala l-fattur ta' ponderazzjoni. L-indikatur tar-remunerazzjoni netta reali għal kull Stat Membru kif ukoll il-ponderazzjonijiet korrispondenti tal-PDG jiġu ppubblikati mill-Eurostat³ kull sena u jkopru s-sena preċedenti sal-1 ta' Lulju.

L-indikatur tas-salarju totali (kapaċità tal-akkwist) fl-UE kollha huwa kkalkulat bħala s-somma tal-indikatur ponderat għall-PDG ta' kull Stat Membru.

Reviżjoni tat-tariffa tal-viża

Indikatur annwali għall-aġġustament tat-tariffa tal-viża jista' jiġi kkalkulat billi jintużaw iż-żewġ fatturi:

$$\text{Indikatur għall} - \text{aġġustament tat} - \text{tariffa tal} - \text{viża} = \frac{(100 + ir - \text{rata tal} - \text{inflazzjoni}) * (100 + l - \text{indikatur tal} - \text{kapaċità tal} - \text{akkwist})}{100} - 100$$

It-tariffa tal-viża riveduta ġiet ikkalkulata għal kull perjodu annwali b'dan l-indikatur:

Tariffa (Sena N + 1) = Tariffa (Sena N) * Indikatur għall-perjodu N sa N + 1

	Rata tal-inflazzjoni	Indikatur tas-salarji	Indikatur tat-tariffa tal-viża	Tariffa aġġustata tal-viża (EUR)			
Bidu				80,00	40,00	120,00	160,00
2020-2021	2,2 %	0,2 %	2,4 %	81,92	40,96	122,88	163,84
2021-2022	9,6 %	-4,6 %	4,6 %	85,69	42,84	128,53	171,38
2022-2023	6,4 %	-1,7 %	4,6 %	89,63	44,81	134,44	179,26

Ittondjar 'il fuq lejn l-eqreb euro sħiħ jirriżulta f'tariffi tal-viża riveduti ta' EUR 90, EUR 45, EUR 135 u EUR 180, rispettivament.

Tqabbil tat-tariffa tal-viża

Meta mqabbla ma' pajjiżi pari oħra tad-destinazzjoni, it-tariffa għal viża ta' Schengen ta' EUR 90 xorta se tkun relattivament baxxa.

Pajjiż	Tariffa fil-munita nazzjonali	Tariffi approssimattivi f'EUR
USA	185 (USD)	172
UK	115–771, skont il-validità (GBP)	135 – 900
Il-Kanada	100 + 85 miżata tal-bijometrika (CAD)	130
L-Awstralja	190 (AUD)	117
New Zealand	211, minbarra l-imposta tat-turiżmu (NZD)	120
Il-Ġappun	3000 dħul wieħed 6000 dħul multiplu (JPY)	19 38

-

³ Sors: Eurostat reports on the annual updates of remuneration and pensions of EU officials; <https://ec.europa.eu/eurostat/web/civil-servants-remuneration/publications>

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Il-Kummissjoni organizzat laqgħa *ad hoc* ma' esperti mill-Istati Membri fl-20 ta' Diċembru 2023 biex tiddiskuti l-abbozz ta' regolament delegat dwar ir-reviżjoni tal-ammont tat-tariffa tal-viża. F'din il-laqgħa, il-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri appoġġaw ir-reviżjoni tat-tariffi.

L-abbozz ta' regolament delegat ġie ppubblikat għall-feedback mit-2 ta' Frar sal-1 ta' Marzu 2024. Erba' ċittadini tal-UE u seba' persuni fit-Turkija ppreżentaw kummenti individwali. Negozju żgħir fit-Turkija, attiv fl-edukazzjoni u fil-konsulenza dwar il-viżi, università Torka, organizzazzjoni mhux governattiva Ewropea, u l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Ajru (li tirrappreżenta l-linji tal-ajru) kienu l-erba' organizzazzjonijiet li pprovdew feedback. Barra minn hekk, individwu ssottometta kummenti li ma kinux relatati mal-politika dwar il-viżi jew mat-tariffi tal-viża.

L-ebda wieħed mill-kummenti li waslu ma kien favur żieda fit-tariffi. L-ġholi tal-ħajja u l-inflazzjoni ġew ikkwotati bħala argumenti kontra żieda fit-tariffa, peress li dan jista' jfixxkel l-ivvjaġġar u jiskoraġġixxi l-kuntatti bejn il-persuni. Diversi kummenti rabtu dan mal-perċezzjoni tal-kwalità fqira tas-servizzi tal-viża, b'diffikultajiet biex jinkisbu appuntamenti, prattiki inkonsistenti bejn l-Istati Membri u nuqqas ta' trasparenza. Dawk li wiegħbu kkritikaw ukoll ir-rwol tal-fornituri esterni tas-servizzi.

Madankollu, il-kwalità tas-servizz lill-applikanti ma titjiebx jekk it-tariffi tal-viża jinżammu fil-livelli attwali. Għall-kuntrarju, il-Kummissjoni tistenna li l-Istati Membri jużaw l-introjt ġġenerat għdid f'għajjnuna biex jiżiedu r-riżorsi biex jitnaqqsu l-ħinijiet ta' stennija u jitjiebu s-servizz għall-applikanti.

L-assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Ajru, filwaqt li ma topponix b'mod espliċitu ż-żieda fit-tariffi, appellat għal progress rapidu fid-diġitalizzazzjoni tal-proċedura tal-viża, li hija mistennija tnaqqas il-kostijiet u t-tariffi għall-applikanti. Hija ppreżentat evidenza li ż-żieda fit-tariffa tal-viża tammonta għal 34 % ta' tariffa medja tal-ajru għall-ivvjaġġar lejn iż-żona Schengen, żieda mill-31 % ta' bħalissa. Madankollu, dan il-kalkolu ma jikkunsidrax il-kostijiet għall-akkomodazzjoni jew għas-sussistenza, u lanqas ma jiddifferenzja l-prezz medju tal-ajru skont il-post tat-tluq. Peress li l-prezz tal-biljetti tal-ajru lejn l-UE minn pajjiżi li jeħtieġu viża (li jinsabu l-aktar fl-Afrika u fl-Asja) huwa konsiderevolment ogħla milli minn pajjiżi mingħajr viża (li jinsabu l-aktar fl-Ewropa u fl-Ameriki), is-sehem tat-tariffa tal-viża fil-kost ġenerali tal-ivvjaġġar lejn l-UE huwa ferm aktar baxx milli stmat mill-organizzazzjoni.

Għalhekk, abbażi tal-feedback li wasal mill-laqgħa tal-esperti u mill-konsultazzjoni pubblika, il-Kummissjoni tqis li huwa meħtieġ li jiżiedu t-tariffi tal-viża.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Il-bażi ġuridika għal dan l-att delegat hija l-Artikoli 16(9) u 51a tal-Kodiċi dwar il-Viżi. L-Artikolu 51a jikkonferixxi lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 16(9) għal 5 snin, li jibdew minn Awwissu 2019. L-Artikolu 16(9) jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta atti delegati li jemendaw il-Kodiċi dwar il-Viżi fir-rigward tat-tariffi tal-viża stabbiliti fl-Artikoli 16(1), 16(2), u 16(2a).

L-Artikolu 1 tar-Regolament Delegat jemenda l-paragrafi 1, 2 u 2a tal-Artikolu 16 tal-Kodiċi dwar il-Viżi u jispeċifika t-tariffi l-ġodda tal-viża li se jiġu ddebitati.

L-Artikolu 2 jipprevedi li r-regolament delegat biż-żieda fit-tariffi tal-viża jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali. Dan se jagħti żmien lill-Istati Membri biex jieħdu l-passi amministrattivi meħtieġa għall-implimentazzjoni taż-żieda fit-tariffi.

Din ir-reviżjoni tat-tariffi tal-viża għandha impatt ukoll fuq l-ammont massimu tat-tariffa standard għas-servizz li tista' tiġi ddebitata minn fornituri esterni tas-servizzi, kif stabbilit fl-Artikolu 17(4) tal-Kodiċi dwar il-Viżi. B'riżultat ta' dan, il-fornituri esterni tas-servizzi jistgħu minn issa 'l quddiem jitolbu tariffa għas-servizz sa EUR 45 fil-biċċa l-kbira tal-każijiet. Madankollu, it-tariffi massimi għas-servizz stabbiliti fil-paragrafi 4a u 4b tal-Artikolu 17 mhumex affettwati mir-reviżjoni tat-tariffi tal-viża u jibqgħu ta' EUR 80 u EUR 120 rispettivament. Barra minn hekk, it-tariffa għal estensjoni ta' viża tibqa' ta' EUR 30, kif speċifikat fl-Artikolu 33(2) tal-Kodiċi dwar il-Viżi.

Ir-reviżjoni tat-tariffi tal-viża ma taffettwax it-tariffi stabbiliti fil-ftehimiet dwar il-faċilitazzjoni tal-viża, sakemm id-dispożizzjonijiet tal-ftehim ma jagħmlux referenza espliċita għat-tariffi tal-viża stabbiliti fil-Kodiċi dwar il-Viżi.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 14.3.2024

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 810/2009 fir-rigward tal-ammont tat-tariffi tal-viża

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi⁴, u b'mod partikolari l-Artikolu 16(9) tiegħu,

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 16(9) tar-Regolament (KE) Nru 810/2009, il-Kummissjoni vvalutat il-ħtieġa li tirrevedi l-ammonti tat-tariffi tal-viża stabbiliti f'dak ir-Regolament, billi qieset kriterji oġġettivi.
- (2) Fil-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni analizzat l-iżviluppi fir-rata ġenerali tal-inflazzjoni għall-Unjoni kollha u l-medja ponderata tas-salarji tal-impjegati taċ-ċivil tal-Istati Membri bejn l-1 ta' Lulju 2020 u l-1 ta' Lulju 2023. Hija kkonkludiet li hemm bżonn li l-ammont tat-tariffi tal-viża jiżdied bi 12,5 %.
- (3) Billi d-Danimarka ddeċidiet li timplimenta r-Regolament (KE) Nru 810/2009 li jibni fuq l-acquis ta' Schengen fil-liġi nazzjonali tagħha, f'konformità mal-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka hija marbuta skont id-dritt internazzjonali li timplimenta dan ir-Regolament.
- (4) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp fid-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fihom l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE⁵. Għalhekk l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhix marbuta bih jew suġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.
- (5) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen skont it-tifsira tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen⁶, li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt B tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE⁷.

—

⁴ ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2009/810/oj>.

⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2002/192/oj>).

⁶ ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36, ELI: [http://data.europa.eu/eli/agree_internation/1999/439\(1\)/oj](http://data.europa.eu/eli/agree_internation/1999/439(1)/oj).

⁷ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/1999/437/oj>).

- (6) Fir-rigward tal-Iżvizzera, dan ir-regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen skont it-tifsira tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen⁸, li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt B tad-Deċiżjoni 1999/437/KE, moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE⁹.
- (7) Fir-rigward tal-Liechtenstein, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen skont it-tifsira tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen¹⁰, li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt B tad-Deċiżjoni 1999/437/KE, moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE¹¹.
- (8) Fir-rigward ta' Ċipru, dan ir-Regolament jikkostitwixxi att li jibni fuq l-acquis ta' Schengen, jew li b'xi mod ieħor huwa relatat miegħu, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(2) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003.
- (9) Fir-rigward tal-Belġju u r-Rumanija dan ir-Regolament jikkostitwixxi att li jibni fuq jew inkella huwa relatat mal-acquis ta' Schengen skont it-tifsira tal-Artikolu 4(2) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2005.
- (10) Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 jenħtieġ għalhekk li jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 810/2009, il-paragrafi 1, 2 u 2a huma sostitwiti b'dan li ġejj:

‘1. L-applikanti għandhom iħallsu tariffa tal-viża ta' EUR 90.

2. Tfal mill-età ta' sitt snin sa mhux aktar minn 12-il sena għandhom iħallsu tariffa tal-viża ta' EUR 45.

2a. Għandha tapplika tariffa tal-viża ta' EUR 135 jew EUR 180 jekk tiġi adottata deċiżjoni ta' implimentazzjoni mill-Kunsill skont l-Artikolu 25a(5), il-punt (b). Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika għal tfal taħt l-età ta' 12-il sena.”.

—

⁸ ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

⁹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2008/146/oj>).

¹⁰ ĠU L 160, 18.6.2011, p. 21.

¹¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, relatat mal-abolizzjoni tal-verifiki mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persuni (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2011/350/oj>).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell, 14.3.2024

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN